MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF -- AGENT PRESIDENT**
**GEOFFREY VALENZIA**

**ONOR. IMHALLEF**
**GIANNINO CARUANA DEMAJO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tas-16 ta' Mejju, 2011

Appell Civili Numru. 167/2007/2

**Priscilla Cassar, Wayne Cassar, Mandy Spiteri,**
**Markita Attard u Maria Attard**

**v.**

**Kontrollur tad-Dwana**

**Il-Qorti:**

**Preliminari**

F'dawn il-proceduri l-intimat Kontrollur tad-Dwana qed jitlob ir-revoka tas-sentenza tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet premessi tad-29 ta' Jannar 2010 kif ukoll ir-revoka tas-

sentenza tal-Qorti Civili Prim'Awla tad-29 ta' Novembru 2007 fl-istess ismijiet u li din il-Qorti tordna s-smiegh mill-gdid tal-kawza a tenur tal-Artikolu 811(e) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili.

**Sentenza tal-Prim Istanza**

B'sentenza moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fid-29 ta' Novembru 2007, dik il-Qorti ddecidiet b'dan il-mod:

"......billi filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-ewwel eccezzjoni tal-intimat, u filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet l-ohra tal-intimat Kontrollur tad-Dwana u dan in kwantu inkonsistenti ma' dak hawn deciz, tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti fis-sens hawn deciz b'dan illi:-

"1. Tordna li l-merkanzija konsistenti fi prodotti ta' *detergents* tigi rilaxxata a favur tal-esponenti Priscilla Cassar; u

"2. Tordna li l-merkanzija konsistenti f'xorb tigi rilaxxata a favur tal-esponenti kollha bejniethom skond il-ligi.

"Bl-ispejjez, minhabba c-cirkostanzi partikolari tal-kaz jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet."

**Appell**

L-intimat Kontrollur tad-Dwana appella minn dik is-sentenza u ghar-ragunijiet minnu premessi, talab li tigi revokata s-sentenza tal-ewwel Qorti u hekk tichad it-talbiet tar-rikorrenti bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontrihom.

Bis-sentenza tad-29 ta' Jannar 2010 din il-Qorti diversament komposta ddisponiet mill-appell billi cahdet l-istess u kkonfermat is-sentenza tal-ewwel Qorti. L-ispejjez in prim istanza jithallsu kif deciz mill-ewwel Qorti waqt li dawk tal-appell jithallsu mill-intimat appellant.
Il-Qorti hekk immotivat is-sentenza taghha.

**"Il-Qorti:**

“Rat ir-rikors ipprezentat mir-rikorrenti fil-15 ta’ Frar, 2007 li jaqra hekk:

“1. Il-Fatti li minnhom jinqala` l-ilment

“Illi l-esponenti Priscilla Cassar giet notifikata bin-Nota ta' Qbid Numru 16/2007, datata 18 ta' Jannar 2007, mibghuta mill-intimat, li permezz taghha gie ndikat lilha illi gew maqbuda diversi oggetti, kif imsemmija fl-istess Nota ta' Qbid;

“Illi l-esponenti Priscilla Cassar hija importatur u distributur ta' merkanzija konsistenti f'detergenti u f'dan ir-rigward, hija ghandha licenzja valida mahruga f’isimha mid-Divizjoni tal-Kummerc fl-1 ta' Settembru 2006, li kopja taghha tinsab hawn annessa, esebita u mmarkata bhala Dok. “A”;

“Illi nhar it-12 ta' Jannar 2007, l-esponenti Priscilla Cassar, akkumpanjata mill-esponenti l-ohra, siefret lejn Sqallija bl-arju ghal zmien jumejn, skond kif jirrizulta mill-*boarding passes* ta' Priscilla Cassar u ta' Maria Attard, hawn annessi, esebiti u mmarkati bhala Dok. “B” u Dok. “C”, u dan sabiex l-imsemmija esponenti tixtri merkanzija konsistenti f'*detergents*, kif effettivament ghamlet, u timportahom gewwa Malta *a tenur* tal-licenzja ta' mportazzjoni taghha fuq imsemmija;

“Illi effettivament, l-esponenti Priscilla Cassar akkwistat merkanzija konsistenti f'*detergents*, skond kif jirrizulta mill-fattura li kopja taghha tinsab hawn annessa, esebita u mmarkata bhala Dok. “D”;

“Illi l-esponenti kollha akkwistaw ukoll bejniethom ghall-uzu personali taghhom, sitta u disghin (96) flixkun inbid 'Castellana La Dame Bianco', hamsa u disghin (95) flixkun inbid 'Castellana La Dame Rosso', u tletin (30) kaxxa u sitt (6) fliexken *whisky* ‘J&B Whisky', skond kif jirrizulta wkoll mill-fatturi li kopja taghhom jinsabu hawn annessi, esebiti u mmarkati bhala Dok. “E” u Dok. “F”;

"Illi l-esponenti kollha kienu bi hsiebhom jitilghu Sqallija u jinzlu lejn Malta bil-Catamaran, kif jaghmlu fuq bazi regolari, peress illi b'hekk setghu jnizzlu maghhom il-merkanzija kollha minnhom akkwistata kif fuq indikat;

"Illi b'danakollu, huma saru jafu illi s-servizz tal-Catamaran bejn Malta u Sqallija kien wieqaf u dan bejn it-3 ta' Jannar 2007 u l-25 ta' Jannar 2007 u kien minhabba f'dan l-improvvist illi l-esponenti, minflok, siefru bl-ajru. Fil-fatt, huma gew lura Malta minn Sqallija bl-ajru fl-14 ta' Jannar 2007 u kellhom, fic-cirkostanzi, jibghatu l-merkanzija minnhom akkwistata permezz ta' *trailer* fuq il-bastiment MV Grimaldi, u dan peress illi huma ma setghux inizzlu l-merkanzija maghhom fuq l-ajruplan;

"Illi t-*trailer* bil-merkanzija kollha akkwistata mill-esponenti, liema merkanzija giet ippakkjata flimkien gewwa l-istess *trailer*, kellu jitlaq minn Sqallija nhar l-14 ta' Jannar 2007 u jasal l-ghada, izda minflok telaq wara u wasal Malta nhar il-Hamis 18 ta' Jannar 2007, skond kif jirrizulta mid-dokument li kopja taghha tinsab hawn annessa, esebita u mmarkata bhala Dok. "G";

"2. <u>Ix-Xorta tal-ilment</u>

"Illi meta l-merkanzija in kwistjoni waslet Malta, din giet ikkonfiskata mill-intimat fit-18 ta' Jannar 2007, kif jirrizulta mid-dokument li kopja tieghu qed tigi hawn annessa, esebita u mmarkata bhala Dok. "H" u fl-istess data nharget Nota ta' Qbid, li kopja taghha qed tigi hawn annessa, esebita u mmarkata bhala Dok. "I", fil-konfront tal-esponenti Priscilla Cassar, li fuq isimha kienu nhargu l-fatturi relattivament ghall-akkwist tal-merkanzija kollha in kwistjoni;

"3. <u>Ir-Ragunijiet ghaliex l-ilment ghandu jintlaqa'</u>

"Illi l-esponenti jissottomettu bir-rispett illi huma ma kkommettew l-ebda reat jew ksur ta' xi dispozizzjoni tal-Ligi dwar id-Dwana li seta' jiggustifika l-qbid tal-merkanzija kollha ndikata fin-Nota ta' Qbid relattiva, u dan peress illi filwaqt li l-esponenti Priscilla Cassar ghandha

licenzja valida ghall-importazzjoni ta' prodotti ta' *detergents* gewwa Malta, ma kien ikun hemm l-ebda impediment fil-konfront tal-esponenti kollha illi jimportaw bejniethom, ghall-uzu personali taghhom, il-kwantita` tax-xorb effettivament maqbud mill-intimat, kieku l-esponenti gew lura Malta permezz tas-servizz tal-Catamaran kif originarjament mahsub;

“Illi ghalhekk, kien biss bhala rizultat ta' eventi barra mill-kontroll tal-esponenti, cioe` s-sospenzjoni tas-servizz tal-Catamaran, li l-merkanzija kollha in kwistjoni dahlet gewwa Malta fuq bastiment u mhux fil-pussess tal-esponenti li, fic-cirkostanzi ma kellhomx ghazla ohra ghajr li jigu lura Malta bl-ajru u jibghatu l-merkanzija abbord l-imsemmi bastiment MV Grimaldi sussegwentement ghat-tluq taghhom minn Sqallija;

“Illi jigi sottomess bir-rispett illi l-ebda parti mill-merkanzija kontenuta gewwa t-*trailer* kienet b'xi mod qed tigi mohbija jew ma gietx dikjarata mill-esponenti, u fil-fatt, l-Ufficjali tad-Dwana nkarigati b'dan il-kaz fit-18 ta' Jannar 2007, **gew debitament murija l-fatturi kollha relattivament ghall-akkwist tal-merkanzija kontenuta got-*trailer* in kwistjoni, inkluz il-fatturi tal-akkwist tax-xorb, hekk kif gew mitluba jaghmlu hekk.** L-esponenti ma setghux fic-cirkostanzi, inizzlu l-merkanzija maghhom minn Sqallija bl-ajru, u kien proprju minhabba din ir-raguni li l-merkanzija giet dikjarata fil-mod li giet effettivament dikjarata lill-Ufficjali tad-Dwana, kif jista' jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

“Minghajr pregudizzju ghall-premess, jigi sottomess ukoll illi fi kwalunkwe kaz, l-esponenti Priscilla Cassar ghandha f’idejha licenzja ta' importazzjoni valida fir-rigward tal-merkanzija konsistenti fil-prodotti tad-*detergents* u ghalhekk, qatt ma setghet kellha l-ebda raguni sabiex tahbi l-imsemmija merkanzija jew tevadi l-hlas tad-dazju jew altrimenti tikkommetti frodi a dannu ta' terzi persuni. Effettivament, il-merkanzija konsistenti fi prodotti tad-*detergents* giet akkwistata ghall-importazzjoni u distribuzzjoni mill-esponenti Priscilla Cassar fil-kors u ghall-iskopijiet tan-negozju taghha u ghalhekk, il-konfiska

u detenzjoni mhux gustifikata tal-istess merkanzija qieghda tikkawza danni ingenti u telf ta' qligh a pregudizzju tal-istess esponenti, *in vista* wkoll tal-fatt illi whud minn dawn il-prodotti huma oggetti li jithassru;

"Illi ghalhekk, *in vista* ta' dak kollu fuq premess, il-konfiska da parti tal-intimat tal-merkanzija kollha mertu ta' dan ir-rikors, ma hijiex gustifikata taht l-ebda dispozizzjoni tal-Kapitolu 37 u 382 tal-Ligijiet ta' Malta, u konsegwentement, ghandha tigi rilaxxata favur l-esponenti;

"Illi l-esponenti diga` taw avviz bil-miktub lill-intimat li permezz tieghu talbu lura l-hwejjeg hekk maqbuda u li bi hsiebhom jintavolaw proceduri gudizzjarji ghar-rilaxx tal-imsemmija hwejjeg, u dan permezz ta' ittra datata 12 ta' Frar 2007 li kopja taghha tinsab hawn annessa, esebita u mmarkata bhala Dok. "I".

"4. <u>It-Talba ghal-Helsien tal-Oggetti Maqbuda</u>

"Ghaldaqstant, l-esponenti, filwaqt li jaghmlu referenza ghad-disposizzjonijiet tal-Artikolu 73 tal-Kapitolu 37 tal-Ligijiet ta' Malta, jitolbu bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti joghgobha:-

"1. Tordna li l-merkanzija konsistenti fi prodotti ta' *detergents* tigi rilaxxata a favur tal-esponenti Priscilla Cassar; u

"2. Tordna li l-merkranzija konsistenti f'xorb jigi rilaxxat a favur tal-esponenti kollha bejniethom,

"u dan taht kull provediment iehor li din il-Onorabbli Qorti joghgobha taghti."

"Rat ir-risposta tal-intimat (fol. 25) li in forza taghha eccepixxa illi:

"1. Preliminarjament, in-nuqqas ta' notifika tal-Avukat Generali bl-atti, *ai termini* tal-Artikolu 181B (3) tal-Kap. 12.

“2. Preliminarjament ukoll, trid tingieb prova tal-interess tar-rikorrenti Wayne Cassar, Mandy Spiteri, Markita Attard u Maria Attard f’dawn il-proceduri stante li l-merkanzija kollha kienet indirizzata lir-rikorrenti l-ohra.

“3. Fil-mertu, u kif se jkun ippruvat waqt it-trattazzjoni tal-kaz, ix-xorb in kwistjoni kien diehel Malta bi ksur tal-ligijiet doganali u b’telf ta’ dhul ta’ taxxi ghall-Gvern u ghalhekk hu suggett ghal konfiska *ai termini* tal-istess ligijiet doganali.

“4. Illi fir-rigward tad-*detergents*, dawn kienu maqbuda *ai termini* tal-Artikolu 60 tal-Kap. 37, *stante* li din kienet merkanzija ppakkjata flimkien max-xorb in kwistjoni.

“5. Ghaldaqstant il-merkanzija kollha nqabdet mill-awtoritajiet doganali skond il-ligi u l-qbid ghandu jkun konfermat.”

“Salv eccezzjonijiet ohra jekk ikun il-kaz.

“Ghaldaqstant l-esponenti jitlob bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tichad it-talbiet tar-rikorrenti bl-ispejjez kontrihom.”

“Rat li fl-udjenza tal-21 ta’ Marzu 2007 quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili, id-difensuri tal-intimat tat ruhha b’notifikata bl-atti ghall-Avukat Generali, u b’hekk giet solvuta l-pregudizzjali sollevata preliminarjament mill-istess intimat;

“Rat li b’sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fid-29 ta’ Novembru 2007, dik il-Qorti ddecidiet il-kawza b’dan il-mod:

“......billi filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-ewwel eccezzjoni tal-intimat, u filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet l-ohra tal-intimat Kontrollur tad-Dwana u dan in kwantu inkonsistenti ma’ dak hawn deciz, tilqa’ t-talbiet tar-rikorrenti fis-sens hawn deciz b’dan illi:-

"1. Tordna li l-merkanzija konsistenti fi prodotti ta' *detergents* tigi rilaxxata a favur tal-esponenti Priscilla Cassar; u

"2. Tordna li l-merkanzija konsistenti f'xorb tigi rilaxxata a favur tal-esponenti kollha bejniethom skond il-ligi.

"Bl-ispejjez, minhabba c-cirkostanzi partikolari tal-kaz jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet."

"Dik il-Qorti tat is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

"Illi l-esponenti Priscilla Cassar giet notifikata bin-Nota ta' Qbid Numru 16/2007, datata 18 ta' Jannar 2007, mibghuta mill-intimat, li permezz taghha gie ndikat lilha illi gew maqbuda diversi oggetti, kif imsemmija fl-istess Nota ta' Qbid u dan konsistenti fi fliexken tax-xorb u *detergents*.

"Illi r-rikorrenti odjerni kollha qed jitolbu li tali oggetti hekk maqbuda ghandhom jigu rrilaxxati ghar-ragunijiet indikati fir-rikors taghhom u li huwa fuq riportat u ghalhekk qed issir riferenza diretta ghalih.

"Illi mill-provi prodotti jirrizulta li r-rikorrenti Priscilla Cassar hija licenzjata mid-Divizjoni tal-Kummerc sabiex timporta *detergents* (Dok. "A" a fol.5 tal-process).

"Illi fil-fatt jirrizulta li fit-12 ta' Jannar 2007 Priscilla Cassar flimkien mar-rikorrenti l-ohra siefru lejn Sqallija bl-ajru sabiex hija tixtri *detergents* u timportahom Malta, kif fil-fatt ghamlet (Dok. "D" a fol. 8 tal-process). Apparti d-*detergents* pero` nxtraw ukoll sitta u disghin (96) flixkun inbid *'Castellana La Dame Bianco',* hamsa u disghin (95) flixkun inbid *'Castellana La Dame Rosso'*, u tletin (30) kaxxa *"J&B Whisky"* u cioe` mija u tmenin (180) flixkun *whisky* (Dok. "E" u "F" - a fol. 10 u 11 tal-process).

"Illi r-rikorrenti allegaw li kellhom jigu lura Malta bl-ajruplan ghax il-catamaran ma kienx qed jahdem f'dawk il-granet li

"huma" baghtu l-merkanzija minnhom akkwistata (detergenti, inbid u xorb) permezz ta' *trailer* fuq il-bastiment MV Grimaldi li wasal Malta il-Hamis 18 ta' Jannar 2007 (Dok. "G" a fol.12 tal-process).

"Illi skond Dok. "RM" (a fol.48 tal-process) pprezentat mir-rikorrenti rrizulta li s-servizzi tal-Catamaran bejn Malta u Sqallija kienu sospizi mit-3 ta' Jannar 2007 sal-24 ta' Jannar 2007 *'due to the yearly maintenance carried out on our Catamaran M/V Maria Dolores'.*

"Illi meta l-merkanzija waslet Malta din giet konfiskata kollha kemm hi mill-Kontrollur tad-Dwana (Dok. "H" a fol.13 tal-process) u fl-istess gurnata inharget Nota ta' Qbid (Dok. "I" a fol.14 tal-process) fuq il-merkanzija kollha. Ir-raguni ghal tali konfiska kienet ghaliex l-istess xorb ma kienx thallas dazju dovut fuqu.

"Illi fil-fatt jinghad li mhux kontestat li fuq il-manifest ipprezentat lill-Ufficjali tad-Dwana gie ddikjarat li t-*trailer* kien fih *detergents* biss u ghalhekk l-istess xorb ma kienx iddikjarat u lanqas kien thallas id-dazju fuqu.

"Illi jirrizulta wkoll li l-Ufficjali tad-Dwana eskortaw it-*trailer* safejn kellu jinhatt u cioe` mil-*Laboratory Wharf* sal-Hamrun. Kif talbu l-*invoices* tax-xoghol, Priscilla Cassar tathom tlett *invoices* rigwardanti *detergents,* inbid u *whisky* kollha fuq isimha. Dan sehh qabel ma nhatt it-*trailer.* Mistoqsija jekk kienx thallas dazju fuq l-inbid u l-*whisky* Priscilla Cassar irrispondiet li ma kienx thallas. B'hekk inghataw struzzjonijiet mis-superjuri taghhom li x-xoghol kollu kellu jigi kkonfiskat.

"Illi b'hekk ir-rikorrenti pprezentaw ir-rikors odjern li permezz tieghu qed jitolbu r-rilaxx tal-merkanzija kollha *ai termini* tal-Artikolu 73 tal-Kap. 37. L-istess intimat oppona ghal dan b'diversi eccezzjonijiet minnu mressqa li ser jigu trattati.

"Illi preliminarjament il-Kontrollur tad-Dwana eccepixxa n-nuqqas ta' notifika tal-Avukat Generali bl-atti *ai termini* tal-Artikolu 181B (3) tal-Kap. 12. Din l-eccezzjoni giet izda

sorvolata peress li l-Avukat Dr. Marvic Sciberras Abdilla tat ruhha notifikata bl-atti ghall-Avukat Generali fis-seduta tal-21 ta' Marzu 2007. B'hekk din il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-istess.

"Illi l-Kontrollur tad-Dwana eccepixxa wkoll li trid tingieb prova tal-interess tar-rikorrenti Wayne Cassar, Mandy Spiteri, Markita Attard u Maria Attard f'dawn il-proceduri *stante* li l-merkanzija kollha kienet indirizzata lir-rikorrenti l-ohra. Din l-eccezzjoni qed tigi michuda peress li din il-Qorti thoss li mill-atti processwali u partikolarment mill-affidavits tar-rikorrenti jirrizulta li ghalkemm id-*detergents* kienu destinati ghar-rikorrenti Priscilla Cassar, ix-xorb kien destinat ghar-rikorrenti kollha, liema affidavits bl-ebda mod ma gew ikkontestati mill-intimat. Ghalhekk din il-Qorti thoss li x-xhieda tar-rikorrenti kollha f'dan ir-rigward hija konvincenti u lanqas *in verita`* ma giet kontradetta mill-intimat.

"Illi ghar-rigward tal-mertu, il-Kontrollur tad-Dwana eccepixxa li x-xorb in kwistjoni kien diehel Malta bi ksur tal-ligijiet doganali u b'telf ta' dhul ta' taxxi ghall-Gvern u hu suggett ghal konfiska. Kwantu ghad-*detergents* dawn kienu maqbuda *ai termini* tal-Artikolu 60 tal-Kap. 37 *stante* li din kienet merkanzija ippakkjata flimkien max-xorb in kwistjoni.

"Illi jinghad li fin-Nota ta' Qbid Numru 16/2007 datata 18 ta' Jannar 2007 (Dok. "I") li l-oggetti hemm indikati gew maqbuda ghaliex kien hemm ksur tal-*"Artikoli (5), 60(c)(k), 62(b)(c)(f)(g)(h)(i)(k)(m), paragrafu (a) tal-Proviso tal-Artikolu 62 tal-Ordinanza tad-Dwana – Kap. 37 u l-Artikoli 16(j), 17(a) tal-Kap. 382".*

"Illi f'dan l-istadju din il-Qori trid tiddetermina jekk ghandhiex taccetta l-versjoni moghtija mir-rikorrenti dwar l-inbid u l-*whisky* u cioe` li dawn inxtraw ghall-uzu personali taghhom. Infatti kif inghad fis-sentenza tal-Onorabbli Qorti tal-Appell fl-ismijiet **Charles Pelham Lee v. Kontrollur tad-Dwana** (9 ta' Ottubru 2001 - App. Nru : 684/87) il-kwistjoni ta' kellux jiddikjarahom jew le tqum kemm-il darba jirrizulta li l-istess oggetti huma dazjabbli.

Fil-fatt ir-rikorrenti jsostnu li l-istess oggetti tax-xorb ma kienux dazjabbli ghaliex kienu ntizi ghall-uzu personali taghhom, mentri l-intimat isostni li dan mhux il-kaz peress li l-istess xorb intbaghat fi *trailer* ma' merkanzija ohra u allura ma kienx *accompanied* b'dan li tali merkanzija tigi kkunsidrata bhala kummercjali u b'hekk dazjabbli kif indikat fl-istess nota.

"Illi f'dan il-kuntest jinghad li l-verzjoni tar-rikorrenti Wayne Cassar, Mandy Spiteri, Markita Attard u Maria Attard hija li huma telghu Sqallija flimkien ma' Priscilla Cassar li min-naha taghha telghet sabiex tixtri d-*detergents.* Huma xehdu li jitilghu regolarment u ma kienitx l-ewwel darba li xtraw xorb ghall-uzu personali taghhom. Infatti jsostnu li l-inbid u l-*whisky* inxtraw ghall-uzu personali taghhom. Is-soltu jinzlu lura Malta bil-catamaran izda din id-darba ma setghux ghax is-servizz kien sospiz. Allura, minhabba li ma setghux itellghu likwidi maghhom fuq l-ajruplan baghtu l-inbid u l-*whisky* fit-*trailer* flimkien mad-*detergents.*

"Illi min-naha l-ohra l-verzjoni tal-intimat hija dik migjuba l-quddiem minn Jerome Azzopardi, ufficjal li jahdem fl-*enforcement unit* tad-Dwana, li sostna dwar dan il-punt li huwa principju fundamentali li xoghol li jingieb ghall-uzu personali ghandu jkun *accompanied.* F'dan il-kaz ladarba ix-xorb intbaghat fit-*trailer* sar parti minn konsenja kummercjali u allura riedet tigi addottata l-procedura normali rigward xorb li jkun ingab ghal skopijiet kummercjali. Sostna li l-kwantita` ta' xorb li kellhom setghet ingabet bil-karozza fuq il-Catamaran izda l-ammont li kien hemm ma setax jingieb bl-ajruplan peress li l-kwantita` li kien hemm ma tinghatax bhala *personal use.* Inoltre` huwa spjega li anke fl-assenza ta' fattura r-rikorrenti setghu jinfurmaw lid-Dwana bil-kwantita` ta' xorb. Xehed li fejn ikun hemm xorb alkoholiku jew inbid hemm regolamenti stretti li dawn iridu jigu dikjarati qabel ma johorgu minn taht il-kustodja tad-Dwana.

"Illi wara li ezaminat il-provi kollha prodotti din il-Qorti thoss li mill-provi prodotti jirrizulta li l-verzjoni tar-rikorrenti giet ippruvata u dan peress li jirrizulta ppruvat fil-grad rikjest mil-ligi li ghalkemm il-fliexken tal-inbid u tal-*whisky*

ma kienux ddikjarati fil-manifest tad-Dwana, izda dawn kienu gew mill-ewwel dikjarati lill-Ufficjali tad-Dwana meta dawn talbu l-karti relattivi lir-rikorrenti Priscilla Cassar, u dan kien fiz-zmien meta l-istess merkanzija kienet ghadha fil-pussess tad-Dwana u qabel ma inhatt l-istess *trailer* (fol. 43). Jirrizulta mhux kontestat anke mix-xhieda prodotta mill-intimat li l-istess rikorrenti Priscilla Cassar mill-ewwel darba li giet mistoqsija pprovdiet l-*invoices* relattivi dwar ix-xorb li kien hemm fl-istess *trailer*. Fil-fatt jinghad li meta l-istess *trailer* beda jinhatt ma hemmx lanqas biss allegazzjoni *da parte* tal-intimat, li r-rikorrenti ppruvaw b'xi mod jahbu l-istess xorb, izda dan ix-xorb tqieghed b'mod naturali fl-istess *trailer* u mhux bi skop li jkun hemm xi evazzjoni. Ir-riferenza li saret mill-intimati ghax-xhieda ta' Joseph Gatt (13 ta' Gunju 2007) bl-ebda mod ma saret sabiex tindika li kien hemm xi tentattiv ta' evazjoni ta' hlas ta' taxxa jew dazju *da parte* tar-rikorrenti, u meta wiehed ihares lejn ix-xhieda kollha tal-Ufficjal tad-Dwana ma jirrizultax li b'xi mod l-istess prova tindika dan. Fil-fatt din il-Qorti thoss li ma hemm ebda prova li r-rikorrenti jew xi hadd minnhom xjentament ipprova jevadi d-dazju – u dan huwa relevanti *invista* tal-artikoli msemmija mill-intimat fin-Nota ta' Qbid li jirreferu proprju ghax-xjenza ta' evazjoni ta' dazju almenu f'parti mill-istess sub-artikoli citati fl-istess Nota ta' Qbid.

"Illi din il-Qorti thoss ghalhekk ukoll li l-verzjoni tal-istess rikorrenti hija *verosimili* u kredibli u dan peress li jirrizulta li l-istess rikorrenti ghalkemm siefru mar-rikorrenti Priscilla Cassar kemm-il darba, kien l-ewwel darba li nizzlu l-merkanzija bil-bastiment M.V. Grimaldi, u x-xorb ma tnizzilx maghhom personalment kif kienu jaghmlu s-soltu peress li l-catamaran li normalment jinzlu mieghu ma kienx qed jahdem f'dak iz-zmien, u din il-Qorti thoss b'hekk li l-istess rikorrenti ppruvaw li ma kien hemm ebda ntenzjoni min-naha taghha li b'xi mod jevadu l-hlas ta' dazju.

"Illi fil-fatt jinghad li ghall-allegazzjonijiet li l-istess rikorrenti kemm-il darba nizzlu l-istess ammont ta' xorb awtorizzat ghall-uzu personali taghhom u mhux ghall-kummerc u qatt ma kien hemm ebda inkwiet *da parte* tal-Ufficjali tad-

Dwana ma gie bl-ebda mod kontradett mill-istess intimat. Fil-fatt lanqas huwa kontestat li l-istess ammont ta' xorb hemm indikat seta' jitnizzel ghall-uzu personali, u l-problema qamet biss ghaliex din id-darba ix-xorb tpogga fi *trailer* u ma kien *accompanied* minn hadd mir-rikorrenti fuq il-vapur, anke peress li l-istess rikorrenti gew lura Malta bl-ajru. Dan qed jinghad meta wiehed jirreferi ghax-xhieda tal-Ufficjali tad-Dwana li hemm fil-process. Fin-nota ta' osservazzjonijiet tal-intimat hemm sottomissjonijiet differenti pero` bl-ebda mod l-istess ma huma sostanzjati b'xhieda u effettivament ma giex indikat bhala numru kif l-istess oggetti kienu jeccedu l-ammont permessibbli ghall-uzu personali.

“Illi huwa veru li l-*invoices* relattivi saru kollha fuq Priscilla Cassar izda fil-process hemm spjegazzjoni ghal dan ghaliex sabiex inbiegh ix-xorb lir-rikorrenti dawn kellhom ikunu registrati u l-istess rikorrenti ndikata kienet l-unika wahda li kienet registrata u ghalhekk hija accettat li x-xorb jigi registrat fuqha. Din ix-xhieda hija kkorrobata mix-xhieda kollha tar-rikorrenti l-ohra. F'dan ir-rigward ma sar ebda ilment mill-intimat.

“Illi sadanittant jirrizulta wkoll li r-rikorrenti rrangat mad-ditta Fahrenheit Freight Fowarders Limited sabiex l-istess merkanzija tinzel Malta bi *trailer* u hekk giet moghbija f'Pozzallo bix-xorb b'kollox, b'dan li l-*invoice* tax-xorb inzammet fuq il-qiegh tat-*trailer* sabiex tkun tista' tigi murija lil tad-Dwana meta din il-merkanzija tasal Malta. Dan sar ghaliex ir-rikorrenti min-naha l-ohra kienu gejjin lura Malta kollha bl-ajru. Fil-fatt din il-merkanzija waslet Malta fit-18 ta' Jannar 2007 u qabel ma nhatt l-istess *trailer* l-Ufficjal tad-Dwana staqsa ghall-*invoices* li mill-ewwel gew provduti mir-rikorrenti, izda l-Ufficjali tad-Dwana sostnew li la darba kien hemm ix-xorb fl-istess *trailer* u dan ma kienx ddikjarat allura r-rikorrenti ma setghat tiehu xejn mill-istess merkanzija.

“Illi fil-fatt li l-intimat odjern hareg in-Nota ta' Qbid fil-konfront taghha biss, u dan abbazi tal-*“Artikoli 6(5), 60(c)(k), 62(b)(c)(f)(g)(h)(i)(k)(m), paragrafu (a) tal-Proviso*

*tal-Artikolu 62 tal-Ordinanza tad-Dwana – Kap. 37 u l-Artikoli 16(j), 17(a) tal-Kap. 382".*

"Illi minn ezami tal-istess artikoli din il-Qorti thoss li l-Artikolu 6 (5) tal-Kap. 37 ma ghandu x'jaqsam xejn mal-kaz in ezami u dan peress li ma hemm l-ebda oggett li huwa deskritt falz fir-rapport jew fil-polza ta' karigu.

"Illi dwar l-Artikolu 60(c) u (k) tal-Kap. 37 jirrizulta wkoll li dawn ma japplikawx ghall-kaz in ezami u dan peress li l-ebda oggett ma inha minn fuq il-bastiment jew postijiet hemm indikati qabel ma sar xi ezami taghhom mill-Ufficjal tad-Dwana u lanqas tezisti l-ebda wahda mic-cirkostanzi ndikati taht l-istess disposizzjoni tal-Artikolu 60(c); jinghad ukoll li certament ma gie ppruvat bl-ebda mod mill-intimat li r-rikorrenti xjentament importaw jew dahhlu xi oggetti bl-intenzjoni li jevadu t-taxxa; anzi jidher li dak li gara kien biss malintiz fis-sens li ma kienux jafu li ghalkemm ghall-uzu personali taghhom, tali xorb, la darba kien fit-*trailer* kellu jigi ddikjarat ghaliex xi hadd minnhom ma kienx fuq l-istess vapur.

"Illi dwar l-Artikolu 62(b)(c)(f)(g)(h)(i)(k)(m), paragrafu (a) tal-*Proviso* tal-Artikolu 62 tal-Ordinanza tad-Dwana din il-Qorti thoss li l-ebda wiehed minn dawn is-subartikoli ma japplikaw ghall-kaz in ezami u dan fuq kollox peress li ma jirrizultax li l-istess rikorrenti attwalment zbarkaw xi oggetti minn fuq il-vapur sabiex jevadu d-dazju jew ghamlu xi att ma' l-istess zbarkar intenzjonat sabiex ma jhallsux dazju u dan qed jinghad l-iktar b'referiment ghall-Artikolu 62(b); dan peress li is-subartikoli kollha l-ohra fuq indikati bl-ebda mod ma japplikaw ghall-kaz in ezami. Din il-Qorti thoss li ghandha tindika li l-Artikolu 62 tal-Kap. 37 jirreferi ghar-reati u pieni taht l-istess Ordinanza u din il-Qorti thoss li fic-cirkostanzi tal-kaz u mill-provi prodotti ma thoss li l-ebda wiehed minnhom ma gie ppruvat mill-istess intimat fil-konfront tal-istess rikorrenti.

"Illi fuq kollox din il-Qorti thoss li din l-azzjoni ddur fuq il-prova *o meno* jekk tali xorb kienx intenzjonat ghall-uzu personali tar-rikorrenti, u jekk dan huwa l-kaz ma kien suggett ghall-ebda dazju jew taxxa, tant li l-istess Ufficjal

tad-Dwana Jerome Azzopardi fix-xhieda tieghu datata 22 ta' Mejju 2007 sostna li:-

*"Nispjega pero` li jekk persuna tkun ser iggib xorb ghall-uzu personali taghha, dan ikun free of charge. Nispjega pero` illi jekk persuna tkun ser iggib xorb li ma jkunx ghall-uzu personali taghha, jekk dan ikun barra mill-Ewropa jrid ihallas id-dazju, Sisa u VAT u jekk ikun mill-Ewropa, irid jithallas is-Sisa u VAT".*

"Illi jidher li l-unika problema li kien hemm hija li dan ix-xoghol ma kienx, skond l-istess Ufficjal tad-Dwana *accompanied*, u kien ghalhekk u ghalhekk biss li tali xoghol gie kkunsidrat bhala mhux ghal *personal use,* proprju ghaliex skond l-istess ufficjal la darba gie mpoggi fi *trailer* ma' merkanzija ohra dan gie kkunsidrat bhala kummercjali. Apparti l-fatt li din il-Qorti thoss li mix-xhieda ma jirrizultax fuq liema disposizzjoni tal-ligi dan ix-xhud kien qed jaghti din l-interpretazzjoni tieghu, jirrizulta ppruvat li fil-fatt tali xorb kien effettivament ghall-uzu personali tar-rikorrenti, u meta huwa dan il-kaz ma jkun suggett ghal ebda taxxa tas-Sisa jew tal-VAT u b'hekk din il-Qorti thoss li b'daqshekk l-istess rikorrenti ma kisru l-ebda disposizzjoni tal-ligi citata mill-istess intimat fin-Nota ta' Qbid mertu tal-procedura odjerna. Hawn huwa relevanti dak li nghad fis-sentenza tal-Onorabbli Qorti tal-Appell fl-ismijiet **Charles Pelham Lee v. Kontrollur tad-Dwana** (9 ta' Ottubru 2001 - App. Nru: 684/87) fejn il-kwistjoni ta' kellux jiddikjarahom jew le tqum biss kemm-il darba jirrizulta li l-istess oggetti huma dazjabbli u la darba tali merkanzija ma hijiex dazjabbli, mela allura ma jirrizultax li r-rikorrenti kisru l-ligi, u ghalhekk l-istess oggetti ma huma soggetti ghall-ebda konfiska. Ma' dan wiehed izid li meta mitluba, r-rikorrenti mill-ewwel pprovdew id-dokumenti relattivi u dan meta l-istess *trailer* kien ghadu fil-kustodja tal-istess Ufficjali tad-Dwana u qabel ma beda jinhatt l-istess *trailer.*

"Illi jigi rilevat wkoll li fin-Nota ta' Osservazzjonijiet tal-intimat saret riferenza ghal diversi artikoli tal-ligi u anke ghad-disposizzjonijiet tal-Artikolu 8 tal-*Council Directive* 92/12/EEC li jipprovdi li biex oggett suggett ghad-dazju

tas-SISA jitqies li hu ghall-uzu personali, irid jingarr mill-persuna – f'dan il-kuntest jinghad li apparti dak hawn premess, l-istess disposizzjoni ma hijiex indikata fin-Nota ta' Qbid mahruga mill-intimat u fil-fatt il-kaz in ezami ma jaqa' taht l-ebda wahda mid-disposizzjonijiet tal-artikoli kollha citati fl-istess Nota ta' Qbid. Fil-fatt din il-Qorti thoss li abbazi tal-artikoli tal-ligi citati fl-istess Nota ta' Qbid it-talba tar-rikorrenti ghandha tirnexxi u dan peress li l-ebda wiehed mill-artikoli hemm indikati ma gie ppruvat a sodisfazzjon tal-Qorti u fil-fatt fin-Nota ta' Osservazzjonijiet tal-intimat saret riferenza ghall-artikoli jew subartikoli ohra li lanqas biss huma indikati fl-istess Nota ta' Qbid – tant li fl-istess nota ma saritx lanqas riferenza wahda ghal xi artikolu li gie citat fl-istess Nota ta' Qbid u dan rigwardanti x-xorb mertu tal-kawza odjerna.

"Illi dwar l-argumenti proposti mill-intimat fin-Nota ta' Osservazzjonijiet tieghu jinghad li l-ebda wiehed minnhom ma sar b'rilevanza ghall-artikoli specifikatament imsemmija fin-Nota ta' Qbid u din il-Qorti thoss li dan huwa vitali ghas-soluzzjoni ta' din il-pendenza u dan peress li t-talba tar-rikorrenti ma tistax hlief tindirizza l-artikoli tal-ligi ndikati mill-intimat stess fin-nota ta' qbid relattiva – u la darba din il-Qorti thoss li l-ebda wiehed mill-artikoli jew subartikoli citati fin-Nota ta' Qbid ma gew ippruvati din il-Qorti thoss li ma tistax taccetta s-sottomissjonijiet tal-intimat li huma fil-fatt mibnija fuq disposizzjonijiet tal-ligi li ma humiex indikati fl-istess Nota ta' Qbid. Kull argument iehor ikun ifisser li dak li huwa indikat fin-Nota ta' Qbid ikun irrelevanti ghal kwistjoni, u din hija perspettiva li din il-Qorti ma tistax taccetta u dan peress li r-raguni ghaliex tohrog in-Nota ta' Qbid u d-dettalji li hemm fiha huwa sabiex il-persuna involuta tkun taf ghaliex l-oggetti taghha gew maqbuda u b'hekk tkun tista' tirregola ruhha fuq il-ligi u l-procedura li trid taddotta sabiex tressaq l-ilmenti taghha fuq l-istess.

"Illi jinghad li dwar id-*detergents* dawn iddahhlu Malta b'mod regolari u din il-Qorti thoss li ghalhekk il-konfiska tal-istess oggetti ma tistax ssir skond il-ligi u dan anke peress li l-istess kienu regolarment iddikjarati. Illi l-Artikolu 60 tal-Kap. 37, li huwa biss citat mill-intimat fir-risposta

tieghu, ma japplikax ghal kaz in ezami, mhux biss minhabba ir-rizultanzi fuq indikati, izda wkoll peress li fin-Nota ta' Qbid hemm citati biss s-subartikoli 60(c) u (k) tal-Kap. 37, artikoli li kif inghad bl-ebda mod ma nstab li gew miksura skond il-provi prodotti u allura d-disposizzjoni tal-Artikolu 60 ma tistax tapplika ghal kaz in ezami anke ghaliex lanqas hija ndikata fl-istess Nota ta' Qbid mill-intimat stess. Jigi rilevat ghall-kompletezza li l-valur tal-istess *detergents* kien ta' Lm13,441 (€31,309.11), mentri l-valur ta' xorb kien ta' Lm886. (€2,063.82)

"Illi fl-ahharnett dwar l-Artikoli 16(j) u 17(a) tal-Kap. 382 jinghad li ma hemm ebda prova li r-rikorrenti kienu b'xi mod xjentement involuti f'xi evazjoni jew tentattiv ta' evazjoni ta' dazju jew ghamlu xi haga bi frodi kontra l-Gvern ghar-rigwrad tal-hlas ta' Sisa, u f'dan il-kuntest ma jirrizultax li dan huwa allegat mill-istess intimat anke jekk wiehed kellu jhares lejn in-Nota ta' Osservazzjonijiet tieghu u ghalhekk ukoll it-talbiet tar-rikorrenti f'dan ir-rigward ghandhom jigu milqugha.

"Illi dwar l-Artikolu 61 A tal-Kap. 37 imsemmi mill-intimat jinghad li dan jirreferi ghal meta jkun hemm reat kontra l-Ordinanza, reat li effettivament qatt ma gie ppruvat u ghalhekk dan l-artikolu ma japplikax ghall-kaz in ezami.

"Illi ghalhekk it-talbiet tar-rikorrenti qed jigu milqugha."

"Rat ir-rikors tal-appell tal-intimat Kontrollur tad-Dwana tad-19 ta' Dicembru 2007 li in forza tieghu, ghar-ragunijiet minnu premessi, talab li din il-Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza tal-ewwel Qorti u hekk tichad it-talbiet tar-rikorrenti bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontrihom;

"Rat ir-risposta tar-rikorrenti tad-9 ta' Jannar 2008 li in foza taghha, ghar-ragunijiet minnhom premessi, issottomettew illi s-sentenza tal-ewwel Qorti hija gusta u timmerita konferma;

"Semghet lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tal-15 ta' Dicembru 2009;

“Rat in-nota ta’ riferenza tal-appellant;

“Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

“Ikkunsidrat:

“Illi b’din il-kawza, ir-rikorrenti qed jittentaw jiehdu lura diversi oggetti, konsistenti fi kwantita` ta’ *detergents* u fliexken ta’ inbid u *whisky,* li gew konfiskati mill-intimat appellant bis-sahha ta’ Nota ta’ Qbid datata 18 ta’ Jannar, 2007. Dawn l-oggetti gew konfiskati peress li l-alkohol ma giex dikjarat lill-Ufficjali tad-Dwana mal-wasla tieghu f’Malta. Ir-rikorrenti appellati osservaw li, fir-rigward tad-*detergents*, dawn gew dikjarati debitament u gew importati bis-sahha ta’ licenzja valida mahrug fuq ir-rikorrenti Priscilla Cassar fl-1 ta’ Settembru 2006, mid-Divizjoni tal-Kummerc. Ir-rikorrenti appellati ssottomettew ukoll li l-alkohol ma giex dikjarat peress li dawn gew akkwistati bejn ir-rikorrenti kollha ghall-uzu personali taghhom. Id-*detergents* gew konfiskati peress li, skond l-Artikolu 60 tal-Ordinanza tad-Dwana (Kap. 37 tal-Ligijiet ta’ Malta), meta jigi importat oggett mhux dikjarat, mhux biss dak l-oggett ikun soggett ghall-konfiska, izda “l-oggetti l-ohra kollha li jkunu jinsabu ppakkjati maghhom.”

“L-ewwel Qorti, wara li semghet il-provi relatati mal-kaz u wara li analizzat il-provvedimenti tal-ligi applikabbli, accettat it-tezi tar-rikorrenti u ordnat ir-rilaxx tal-oggetti maqbuda wara li qieset li x-xorb kien intiz ghall-uzu personali tar-rikorrenti u kwindi mhux dikjarabbli.

“Il-Kontrollur tad-Dwana appella mis-sentenza u ressaq diversi aggravji kontra s-sentenza li se jigu trattati *seriatim.*

**“<u>L-ewwel aggravju: Il-Qorti hadet ir-rwol tad-dwana</u>**

“Fil-fehma tal-appellant, is-sentenza tal-ewwel Qorti ghandha tigi revokata peress li dik il-Qorti hadet fuqha poteri li bil-ligi huma riservati ghall-amministrazzjoni, meta fil-terminu tal-Artikolu 469A tal-Kodici tal-Organizazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta), fl-ezercizzju

ta’ stharrig moghti lill-qrati, mhux permissibbli, skond il-gurisprudenza tal-qrati taghna, li dawn jisostitwixxu d-decizjoni li tkun hadet l-amministrazzjoni u, b’konsegwenza, kif gara f’dan il-kaz, tiddikjara n-Nota ta’ Qbid nulla.

“Din il-Qorti ma taqbilx ma’ dan l-aggravju. L-azzjoni tar-rikorrenti mhux bazata fuq u lanqas ma hi relatata mal-Artikolu 469A imsemmi, peress li l-Ordinanza tad-Dwana tipprovdi <u>hi</u> rimedju <u>specifiku</u> f’kaz li dak li jkun ihossu aggravat bi hrug ta’ Nota ta’ Qbid. Fil-fatt skond l-Artikolu 469A(4), dak l-istess artikolu mhux applikabbli meta rimedju jew soluzzjoni ghall-ilment ikun ipprovdut f’ligi partikolari. F’dan il-kaz, ir-rimedju hu provdut fl-Artikoli 72 u 73 tal-Ordinanza tad-Dwana u dawn jirregolaw il-ftuh ta’ proceduri sabiex jigu rilaxxati dawk il-hwejjeg li jkunu gew maqbuda taht l-Ordinanza. Hija <u>din il-procedura hemm kontemplata</u> li qed jezercitaw ir-rikorrenti u fit-trattazzjoni ta’ dawn il-proceduri l-Qorti kompetenti mhix marbuta li ssegwi l-metodu ta’ stharrig ta’ ghemil amministrattiv kif kontemplat fl-Artikolu 469A imsemmi. Dak li trid tara l-Qorti f’dawn il-proceduri huwa li tezamina c-cirkostanzi tal-kaz fid-dawl tal-ligijiet doganali applikabbli u tara jekk ir-rikorrent huwiex intitolat li jiehu “lura l-hwejjeg hekk konfiskati”. L-ewwel Qorti ghalhekk, kellha kull awtorita` illi tordna r-rilaxx tal-oggetti maqbuda mill-pussess tar-rikorrenti, u illi tasal ghal din il-konkluzjoni kif jidhrilha xieraq, inkluz ghalhekk, billi tezamina l-verzjonijiet moghtija mill-partijiet rispettivi ghal dak li jirrigwarda c-cirkostanzi li wasslu ghall-qbid tal-oggetti in kwistjoni. Id-dmir tal-Qorti f’dawn ic-cirkostanzi hu mhux li tiddikjara valida jew nulla n-Nota ta’ Qbid mahruga mill-intimat – haga li, b’mod korrett, l-ewwel Qorti m’ghamlitx – izda li tezamina u tiddetermina jekk effettivament kienx hemm il-ksur allegat tad-disposizzjonijiet invokati mill-intimat biex jiggustifika l-qbid u ghalhekk jekk il-qbid tal-oggetti relattivi kienx legalment gustifikat. L-ilment li b’dan il-mod il-Qorti tkun qed tassumi r-rwol tal-“ezekuttiv” huwa wkoll bla bazi, ghax hi l-ligi stess, fl-Artikoli 72 u 73 tal-imsemmija Ordinanza, li awtorizzat lill-Qrati jordnaw ir-rilaxx tal-oggetti maqbuda, u biex taghmel dan trid bilfors tanaliza c-cirkostanzi biex tara jekk l-Ufficjali tad-Dwana

aggixxewx gustament u skond il-ligi meta kkonfiskaw l-oggetti in kwistjoni. Din il-Qorti tittama li tali aggravju ma jergax jitqajjem – kif ripetutament tqajjem sa issa – fi proceduri bhal dawk in dizamina.

**"It-tieni aggravju: Ksur tal-Artikolu 6(5) tal-Ordinanza tad-Dwana**

"L-intimat appellant jissottometti li, f'dan il-kaz, kellu jigi stabbilit li, fil-fatt, kien hemm ksur ta' dan l-artikolu li jipprovdi li "l-oggetti deskritti falz fir-rapport jew fil-polza ta' karigu ghandhom jigu konfiskati." Jirrizulta mhux kontestat li x-xorb in kwistjoni tghabba fuq il-vapur flimkien mad-*detergents* u filwaqt li d-*detergents* kienu dikjarati fuq il-manifest tal-vapur, ix-xorb ma kienx dikjarat. Dan ma jwassalx ghall-fatt li kien hemm xi oggetti "deskritti falz." Il-ligi invokata ma tirriferix ghal xi nuqqas jew ommissjoni fir-rapport jew fil-polza ta' karigu, izda ghal kaz ta' oggett deskritt b'mod falz, filwaqt li f'dan il-kaz ma kien hemm ebda oggett li gie "deskritt falz" u, ghalhekk ghamlet sew l-ewwel Qorti meta qieset li dan l-artikolu mhux applikabbli.

**"It-tielet aggravju: Ksur tal-Artikolu 17(a) tal-Kap. 382**

"Il-Kap. 382 tal-Ligijiet ta' Malta huwa l-Att dwar Dazju tas-Sisa, u l-Artikolu 17(a) jipprospetta l-konfiska tal-oggetti importati, f'kaz li l-istess oggetti huma dazjabbli u jinhbew f'xi post bil-ghan li ssir frodi kontra l-Gvern. Dan il-provvediment, biex japplika, irid jolqot oggetti li huma "dazjabbli", u din il-Qorti sejra tittratta aktar 'il quddiem dwar jekk l-oggetti in kwistjoni humiex "dazjabbli". F'kull kaz, ma jirrizultax li l-oggetti gew depozitati jew mohbija bi hsieb ta' evazjoni ta' hlas ta' dazju. Ix-xorb kien imqieghed fi *trailer* mad-*detergents*, u meta l-ufficcjali tad-dwana riedu jaraw id-dokumenti, id-*detergents* kollha nstabu kif debitament deskritti, filwaqt illi l-fattura tax-xorb li nghata lill-ufficjal qabel sahansitra nfetah il-*container*, iddiskriva korrettement ix-xorb kollu li eventwalment instab fl-istess *container*. Meta l-ufficjal Joseph Gatt gie mistoqsi direttament jekk ix-xorb kienx mohbi, ma wegibx fl-affermattiv, izda rrimarka biss li kif infetah il-*container*, ix-xorb ma kienx jidher. Dan sehh, pero`, ghax ix-xorb kien

tqieghed wara d-*detergents*, pero`, dan ma jfissirx li x-xorb gie imqieghed hemm bil-ghan li ssir frodi. Kieku r-rikorrenti kellhom dan il-hsieb, kienu verament "jahbu" ix-xorb (per ezempju, f'xi qieh falz tal-*container* jew f'kaxxex li ma jindikax il-kontenut reali taghhom), u lanqas ma kienu, mill-ewwel, juru lill-Ufficjal tad-Dwana l-fatturi tal-istess. Hu veru li, ghall-applikazzjoni ta' dan l-artikolu, intqal mill-qrati taghna – ara **Ellul Sullivan noe v. Kontrollur tad-Dwana**, deciza minn din il-Qorti (Sede Inferjuri), fil-15 ta' Dicembru 2004, li *"mhix mehtiega l-prova tax-xjenza tal-evazjoni jew tat-tentattiv biex jigi aggirat il-fisco, izda jibbasta li l-oggett jew oggetti jkunu nstabu celati ghall-iskop tal-elevazzjoni"*, izda f'dan il-kaz, ma jirrizultax li l-oggetti gew mohbija. Fil-kaz li ghalih ghada kemm saret referenza, il-kaxxi tax-xorb kienu mohbija fid-*double bottom* tat-*truck*, u l-Qorti, mehuda in konsiderazzjoni cirkostanzi ohra, setghet facilment tasal ghal konkluzjoni li l-oggetti kienu gew "mohbija". Mhux hekk gara fil-kaz odjern, ghax kif intwera, l-oggetti kienu depozitati kif wiehed jistenna f'*container*, u hu ovvju li bil-merkanzija li titpogga fuq quddiem, dak li jkun ma jkunx jista' jara mill-ewwel dak li jkun depozitat fuq wara. Fin-nuqqas ta' kwalunkwe prova illi l-merkanzija kienet "mohbija", ghamlet sew l-ewwel Qorti li qieset li d-disposizzjonijiet tal-Artikolu 17(a) tal-Kap. 382 m'ghadhomx jitqiesu applikabbli ghall-kaz.

**"Ir-raba' aggravju: Proceduri in rem**

"B'dan l-aggravju l-intimat qed jilmenta mill-fatt li l-ewwel Qorti qieset hafna l-intenzjoni tar-rikorrenti u l-agir taghhom, waqt li peress li dawn il-proceduri jitqiesu in rem, m'ghandux isir studju tal-intenzjoni tar-rikorrenti, u l-konfiska kellha ssir ghall-fatt biss li l-merkanzija ma kienitx giet dikjarata. Anke hawn, din il-Qorti ma taqbilx ma' din is-sottomissjoni tal-intimat appellant. Il-qrati jridu jikkunsidraw ic-cirkostanzi kollha tal-kaz sabiex jiddeciedu kienx hemm ksur tar-regolamenti, u m'ghandhomx japplikaw l-istess b'mod robotiku minghajr ma jqisu l-komportament ta' dak li jkun. Biex wiehed jiddeciedi jekk gewx vjolati jew le d-disposizzjonijiet tal-ligi, irid jitqies l-agir tal-allegat vjolatur, tant li din il-Qorti fil-kawza

**Camilleri v. Kontrollur tad-Dwana**, deciza fit-13 ta' Mejju 1985, kienet osservat li l-konfiska ma toperax f'kaz ta' negligenza jew zball genwin, u li hemm bzonn l-element intenzjonali biex topera l-konfiska. Fil-fatt, l-Artikolu 61 tal-imsemmija Ordinanza, li titkellem fuq konfiska f'kaz li tkun tirrizulta diskrepanzi fil-kwantita` tal-oggetti importati, jew fil-valur tal-istess, fis-sub-artikolu (2) jipprovdi li m'ghandux ikun hemm din il-konfiska jekk ikun jirrizulta li "d-diskrepanza tkun giet minhabba fi zball genwin." Biex jigi konstatat jekk kienx hemm "zball genwin", trid issir analizi tal-kompartament kollu tal-importatur, biex il-Qorti tkun tista' tara jekk, fil-fatt, l-allegat ksur tad-disposizzjonijiet tal-ligi kienx wiehed intenzjonali jew le.

**"<u>Il-hames aggravju: In-nota ta' qbid u l-artikolu tal-ligi citati fiha</u>**

"Il-Kontrollur jilmenta li, ghalkemm hi prassi li mal-hrug tan-Nota ta' Qbid, jigu kwotati l-provvedimenti tal-ligi li jkunu jwasslu ghall-Ordni tal-Qbid, din in-nota m'ghandiex funzjoni ta' "att ta' akkuza" u, fi stadju ulterju, jista' jiddefendi l-agir tieghu b'riferenza ghal provvedimenti ohra tal-ligi, u jissottometti li l-qbid in kwistjoni hu gustifikat anke bl-applikazzjoni tal-Artikoli 60(c), 62(c)(f)(g)(h)(i) u (k) tal-Ordinanza tad-Dwana u l-Artikolu 16(j) tal-Att dwar dazju tas-Sisa. L-ewwel Qorti, pero`, qieset dawn l-artikoli kollha u sabet li ebda wiehed minnhom m'hu rilevanti ghall-kaz. Din il-Qorti ezaminat l-artikoli invokati u, bhall-ewwel Qorti qabilha, ma ssibx li l-provvedimenti relattivi gew miksura. L-Artikolu 62(f)(g)(h)(i) u (k) jitkellem fuq min "xjentement" jilqa' ghandu, izomm, jew b'xi mod ikollu x'jaqsam ma' oggetti li d-dazju fuqhom ma jkunx gie mhallas; apparti l-fatt li dan l-artikolu jitkellem fuq "reati u pieni" u jassoggetta lil dak li jinstab hati ghall-multi u, anke, f'certi kazi ghal prigunerija, u mhux ghall-konfiska, ma jirrizultax, kif gia` intwera li r-rikorrenti riedu jew ippruvaw "xjentement" li jevitaw il-hlas tad-dazju, u dan kif gia` intwera u kif ser jirrizulta wkoll aktar 'il quddiem. Lanqas ma jirrizulta, fit-terminu tal-Artikolu 16(j), li r-rikorrenti "xjentament" kienu involuti f'xi evazzjoni tad-dazju mehuda in konsiderazzjoni c-cirkostanzi ta' kif sehhew l-affarijiet kif murija qabel u spjegati f'aktar dettal

mill-ewwel Qorti. Lanqas ma jirrizulta, fit-termini tal-Artikoli 60(c) u 62(c), li r-rikorrenti rtiraw il-merkanzija minn fuq il-moll mhux bl-awtorita` jew b'xi intenzjoni qarrieqa. Ma jirrizultax li r-rikorrenti zbarkaw xi oggetti minn fuq il-vapur sabiex jevadu d-dazju jew b'xi intenzjoni li jiffrodaw il-Gvern.

**"<u>Is-sitt aggravju: Xorb li fl-ebda stadju ma kien dikjarat lid-dwana</u>**

"B'dan l-ilment, l-intimat appellant ighid li, bhala fatt, ix-xorb ma kienx dikjarat lid-dwana, u gie skopert biss wara *spot-check* minn Ufficjal tad-Dwana li talab li jezamina d-dokumenti relattivi u li jinfetah il-*container*. Skond l-intimat, il-fatt li dawn l-oggetti ma gewx dikjarati fih innifsu jimmilita ghall-operat tal-ligi u kien ghalhekk li l-istess oggetti gew validament maqbuda. Ghal din is-sottomissjoni, wiegbet din il-Qorti bis-sentenza taghha tad-9 ta' Ottubru 2001, moghtija fil-kawza **Lee v. Kontrollur tad-Dwana**, meta ghamlet din l-osservazzjoni fir-rigward:

*""In realta`, din il-Qorti taghmilha cara illi ghalkemm huwa necessarju u importanti illi l-ligi li tirregola l-hlas tad-dazju tigi applikata rigidament u dan biex jigi tutelat l-erarju pubbliku, fl-istess hin m'ghandhiex tigi applikata b'mod illi thalli toghma morra specjalment illum, kif tirrileva l-ewwel Onorabbli Qorti fis-sentenza taghha, illi hemm il-green channel minn fejn wiehed jista' jghaddi jekk ikun jemmen li m'ghandux oggetti x'jiddikjara li jistghu jkunu soggetti ghal dazju. In realta`, huwa veru li r-riskju huwa dejjem ta' dak li jkun ghazel li jghaddi minn dak il-kanal, fis-sens illi il-fatt biss li jkun baqa' ghaddej minnu minghajr ma jkun ghamel dikjarazzjoni li ghandu oggetti dazjabbli jkun jista' jikkostitwixxi ksur tal-ligi. Pero`, irid ikollu oggetti li huma dazjabbli. Fil-kaz prezenti, din il-Qorti wara li rat il-provi, wara li ezaminat id-deposizzjonijiet inkluzi dawk tal-Ufficjali tad-Dwana, m'hijiex sodisfatta illi l-appellant kien qed igorr oggetti li kienu dazjabbli. Il-kwistjoni ta' kellux jiddikjarahom jew le jew tal-konsegwenza tal-fatt li ma ddikjarahomx, kienet tqum kieku jirrizulta li l-oggetti kienu dazjabbli. Pero`, f'dan il-kaz partikolari, din il-Qorti hija sodisfatta li si trattava verament ta' personal effects*

*akkwistati precedentement u uzati li ma kienx dazjabbli f'dan il-kaz partikolari."*

"Fi kliem iehor, huma dawk l-oggetti li huma dazjabbli li ghandhom jigu dikjarati, u mhux kull ma jingieb Malta. Jekk l-oggetti li persuna ggib maghha m'humiex dazjabbli skond il-ligijijet vigenti fil-mument tad-dhul taghhom f'Malta, allura mhux mehtieg li jigu dikjarati lid-dwana.

**"Is-seba' aggravju: Xorb ghall-uzu personali u l-bzonn ta' dikjarazzjoni tieghu**

"Kif sewwa osservat l-ewwel Qorti, il-pern ta' din l-azzjoni hi marbuta mal-prova *o meno* dwar jekk tali xorb kienx intenzjonat ghall-uzu personali tar-rikorrenti appellati. Kif intqal minn din il-Qorti fil-kawza **Ellul Sullivan noe v. Kontrollur tad-Dwana**, deciza fis-7 ta' Ottubru 2005 *"meta fil-proceduri fejn jigi mitlub ir-rilaxx ta' merkanzija maqbuda minhabba nuqqas ta' hlas ta' dazju, jew ghal raguni ohra li ggib maghha l-konfiska, tqum il-kwistjoni jekk dawn l-oggetti gewx importati skond il-ligi, il-prova tmiss lill-persuna li taghmel it-talba."*

"L-intimat jaqbel li l-legislatur ta' ezenzjoni ghal dak ix-xorb alkoholiku "fi kwantitajiet zghar" li jingarr mill-persuna u li jkun car li jkunu ghall-uzu tal-persuna. L-ewwel Qorti dahlet fid-dettal f'din il-kwistjoni, u wara li qieset ix-xhieda tar-rikorrenti, qalet li l-kwantita` ta' xorb importat ma jindikax li, fic-cirkostanzi, dan ma kienx intenzjonat ghall-uzu personali taghhom. Din il-Qorti bhala Qorti ta' revizjoni mhux facilment tiddisturba l-apprezzament tal-fatti li tkun ghamlet l-ewwel Qorti, meta tara li l-konkluzjoni li waslet ghaliha l-ewwel Qorti hi wahda valida u li setghet tasal ghaliha. Din il-Qorti ezaminat il-provi prodotti u rat li x-xhieda tar-rikorrenti ma giet bl-ebda mod ikkontestata jew kontrodetta mill-intimat, u da parti tieghu ma werhiex illi l-kwantita` ta' xorb importat mill-hames rikorrenti kienet teccedi l-limitu tax-xorb li jista' jigi importat ghall-uzu personali. Jirrizulta mill-provi illi filwaqt li d-*detergents* kienu destinati ghan-negozju li kien gestit mir-rikorrent Priscilla Cassar – ghal-liema importazzjoni kellha licenzja valida – ix-xorb kollu kien intiz li jinqasam bejn il-hames

rikorrenti ghall-uzu taghhom u tal-familja taghhom. Da parti tal-intimat, ma kkontestax li l-ammont ta' xorb indikat seta' jitnizzel ghall-uzu personali, izda argumenta li la darba x-xorb tpogga f'*container* u ma kienx *accompanied* minn hadd fuq il-vapur, *ergo*, l-istess merkanzija ma tistax titqies li kienet *for personal use*.

"Ir-rikorrenti appellati spjegaw illi l-hsieb taghhom kien li jigu minn Sqallija minn fejn xtraw ix-xorb bil-catamaran u jgorru maghhom l-istess merkanzija. Gara, pero`, li f'dawk il-granet ma setghux jibghatu l-merkanzija bil-catamaran u ghalhekk baghtu l-merkanzija bil-vapur u huma gew Malta bl-ajru. Fil-fehma tal-Qorti, kif sehhew l-affarijiet ma jistax jinghad li x-xorb ma kienx qed jigi *accompanied* mir-rikorrenti jew li l-merkanzija ma kienitx qed tingarr mill-persuna. Il-provvedimenti tal-ligi jridu jigu interpretati b'mod logiku u mhux mehtieg, biex tapplika l-ezenzjoni, li dak li jkun igorr fizikament hu kull ma jdahhal f'pajjizna ghall-uzu personali tieghu. L-importanti hu li dik il-persuna tmur barra u tixtri hi l-oggetti fi kwantitajiet zghar biex wara iggibhom maghha Malta. Kif iggibhom maghha Malta mhux importanti, u biex jitqies li l-merkanzija giet *"transported by them"* l-importanti hu li t-tluq ghall-Malta tal-persuna u tal-oggetti tkun wahda li ssir fl-istess zmien. Zgur mhux mehtieg, kif jippretendi l-intimat, li l-merkanzija trid fizikament "tingarr mill-persuna" ghax din tkun qed taghti tifsira wisq stretta lil tali rekwizit. Ma giex muri li r-rikorrenti ghandhom xi hanut tax-xorb jew imexxu xi *restaurant*; fi kliem iehor ma giex muri li r-rikorrenti dahlu x-xorb ghal uzu kummercjali, u mill-provi anzi jirrizulta li x-xorb idahhal Malta *"for the personal use"* tar-rikorrenti. Din il-Qorti, ovvjament mhux ser tikkunsidra indikazzjonijiet ta' x'jitqies uzu personali f'Avviz Legali li beda japplika <u>wara</u> li sehh l-incident in kwistjoni u fil-mori tal-kawza, u li gie introdott bi hsieb li l-posizzjoni ta' Malta tigi *"aligned"* ma' dik tal-Unjoni Ewropeja; biss tghid li, f'din il-kawza l-posizzjoni principali tal-intimat appellant kienet li la darba ix-xorb intbaghat fit-*trailer*, sar parti minn konsenja kummercjali u kellu jigi dikjarat. Hu jaccetta li l-kwantita` ta' xorb seta' tpogga f'karozza li setghet tinstaq ghall-Malta fuq il-catamaran u bla problemi, pero`, ighid li d-dazju kellu jithallas ghax, bhala fatt, ix-xorb ma

ddahhalx f'Malta bhala *"accompanied cargo"*. Din il-Qorti, pero`, taqbel mal-ewwel Qorti li, fic-cirkostanzi mhux kaz li d-dhul tax-xorb f'Malta ghandu jitqies dazjabbli.

"Ghal kull buon fini, jista' jinghad li <u>anke jekk</u> jitqies applikabbli l-Avviz Legali l-gdid, dak bin-numru 361/07, li ta effett lid-Direttiva tal-Unjoni Ewropeja 92/12, il-posizzjoni m'hijiex daqshekk differenti peress li l-ligi l-gdida ma tinsistix li l-oggetti ghandhom ikunu *"<u>personally</u>" "transported by them."* Kif osservat il-Qorti Ewropeja ta' Gustizza fil-kawza **Staatssecretaris van Financien v. B.F. Joustra**, deciza fit-23 ta' Novembru 2006, fil-kaz tal-frazi *"transported by them"*, uzata fid-Direttiva, *"both the mode of transport <u>and</u> the quantities transported are relevant factors for establishing that the products referred to in Article 8 of the Directive are held for commercial purposes and therefore not for personal purposes."*

"Hu veru li, kif osservat dik il-Qorti;

*""......the very fact that products subject to excise duty are transported to another Member State by a transport company, which facilitates the transport of quantities of products significantly exceeding those required for his own use by the individual who has acquired them, is sufficient to show that they are not held for strictly personal purposes as required by Article 8 of the Directive,"*

"pero`, dan meta c-cirkostanzi jindikaw bic-car li l-uzu tal-oggetti mhux intiz ghall-uzu personali, u cioe`, meta l-kwantita` tal-oggetti importati *"<u>significantly</u>"* jeccedi dak mehtieg ghall-uzu personali. Huma <u>tnejn</u> ic-cirkostanzi li jridu jigu kkunsidrati: il-mod ta' trasport u l-kwantita` tal-oggetti, u fil-fehma ta' din il-Qorti l-fatt <u>wahdu</u> li l-merkanzija ma ddahlitx f'Malta bhala *accompanied cargo* ma jfissirx li l-importatur irid <u>bilfors</u> ihallas dazju fuq dik il-merkanzija. F'dak il-kaz, gie deciz li kellu jithallas dazju ghax il-prodotti importati kienu fi kwantita` mhux zghira u kienu intizi *"for his own personal requirements <u>and those of other private individuals</u>"*, meta d-Direttiva taghti

esenzjoni biss ghall-kaz ta' oggetti intizi *"for their* *<u>own</u>* *use".*

**"<u>It-tmien aggravju: Qbid tad-*detergents* ghax ippakkjati max-xorb</u>**

"Il-konfiska tad-*detergents* kienet tkun valida taht l-Artikolu 60 tal-Kap. 37, <u>kieku</u> dan il-prodott kien importat flimkien ma' merkanzija li kienet dazjabbli, izda li fuqha ma thallasx jew sar attentat li ma jithallasx dazju. Darba pero`, kif intwera, li x-xorb ma kienx dazjabbli u kwindi mhux konfiskabbli, lanqas id-*detergents* li kienu ippakkjati max-xorb m'ghandhom jigu konfiskati.

"Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-appell interpost mill-intimat Kontrollur tad-Dwana billi tichad l-istess u tikkonferma s-sentenza tal-ewwel Qorti.

"L-ispejjez in prim istanza ghandhom jithallsu kif deciz mill-ewwel Qorti, waqt li dawk ta' din it-tieni istanza jithallsu mill-intimat appellant."

**Ritrattazzjoni**

Is-sentenza tal-lum hija dwar talba tal-intimat Kontrollur tad-Dwana ghat-thassir tas-sentenzi surreferiti fl-istadju tal-proceduri *in rescindendo*.

Ir-ritrattant qed jitlob li s-sentenza tal-Qorti tal-Appell tithassar kif inhu mahsub fl-Artikolu 811(e) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta peress illi jissottometti li giet applikata l-ligi hazina f'dan il-kaz, u dan senjatament billi:

1. Il-Qorti kellha tapplika l-Artikoli 8 u 9 tad-Direttiva 92/12 EC jew alternattivament, l-Artikolu 4 *et seq* tal-Kap. 382 ghal dan il-kaz biex tasal ghal decizjoni skont il-ligi.

2. Fir-rigward tal-punt li skont il-Qorti tal-Appell, huma biss dawk l-oggetti dazjabbli li huma dikjarabbli u mhux kull ma jidhol f'Malta, hawn il-Qorti kellha tapplika l-provvedimenti tal-Kap. 37.

3. Fir-rigward tal-punt jekk dikjarazzjoni fl-ahhar mument hekk kif tkun se tkun skoperta l-haga, tammontax ghal dikjarazzjoni skont il-ligi, hawn il-Qorti tal-Appell kellha tapplika l-Artikolu 61 A tal-Ordinanza.

**Risposta tar-ritrattati**

Ir-rikorrenti ritrattati pprezentaw ir-risposta taghhom li in forza taghha, ghar-ragunijiet minnhom premessi, talbu li din il-Qorti joghgobha tikkonferma s-sentenza tal-Qorti tal-Appell, bl-ispejjez kontra r-ritrattant.

**Konsiderazzjonijiet ta’ natura legali**

Huwa principju accettat li l-process ta’ ritrattazzjoni ma jservix bhala t-tieni appell, b’mod li taht l-iskuza ta’ xi nuqqas procedurali, il-Qorti tkun mistiedna biex terga’ twettaq ezercizzju ta’ ri-ezami li, fil-fatt, ma jkun xejn aktar minn skrutinju mill-gdid tal-konsiderazzjonijiet digà maghmulin mill-Qorti fis-sentenza li taghha jintalab it-thassir u s-smiegh mill-gdid. Dan jghodd ghal kull wahda mill-kawzali mahsubin fl-Artikolu 811 tal-Kap. 12.[1]

Dawn huma proceduri ta’ ritrattazzjoni a bazi tal-Artikolu 811(e) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta, li jaghti dritt ghal ritrattazzjoni fejn is-sentenza tkun applikat il-ligi hazin.

Illi jista’ jkun hemm biss lok ghar-ritrattazzjoni taht paragrafu (e) jekk, fuq dawk il-fatti kif jirrizultaw ippruvati, il-Qorti applikat artikolu tal-ligi flok iehor li kellu jkun proprjament applikat. Biex il-kawza ta’ ritrattazzjoni fuq dan il-motiv tirnexxi, irid jintwera li l-Qorti applikat il-ligi l-hazina fis-sentenza taghha u mhux li applikat il-ligi t-tajba b’mod hazin.

Minn dan johrog li s-smiegh mill-gdid ta’ kawza ma jinghatax fejn l-ilment tal-parti li titlob ir-ritrattazzjoni jkun dwar it-tifsira jew l-interpretazzjoni li l-Qorti (fis-sentenza

[1] App. Civ. **20.2.1996** fil-kawza fl-ismijiet ***Dalli vs Sare’*** (Kollez. Vol:**LXXX.ii.373**) u App. Inf. **20.10.2003** fil-kawza fl-ismijiet ***Catherine Caruana et. vs Anna Schembri et.***

attakkata) tkun tat lill-fatti li jirrizultawlha jew tal-ligi li tkun tghodd ghal dawk il-fatti. Ir-ritrattazzjoni tinghata biss meta ghal dawk il-fatti accertati, tigi mhaddma ligi li ma kienitx tapplika ghall-kaz.

Il-funzjoni ta' kull Qorti li tinterpreta u tqis il-fatti li jirrizultawlha, flimkien mas-setgha u d-dmir li tapprezzahom u tapplika ghalihom il-ligi li tghodd, huma l-qofol tal-ezercizzju taghha. Dan l-ezercizzju jgib mieghu element ta' uzu ta' diskrezzjoni ragunata li l-ligi espressament taghti lill-gudikant. Dwar dan l-ezercizzju, ma jinghata l-ebda rimedju ta' ritrattazzjoni[2], u dan kemm jekk il-fehma ragjonevoli li jkun wasal ghaliha l-gudikant tkun wahda oggettivament tajba jew kif ukoll jekk ma tkunx. Huwa minhabba f'hekk ukoll li l-ligi[3] – sewwasew b'riferenza ghall-kawzali mahsuba fil-paragrafu (*e*) tal-Artikolu 811 – trid li min jitlob is-smiegh mill-gdid ta' kawza jsemmi wkoll liema messha kienet il-ligi t-tajba li suppost kienet applikata.

Illi biex jigi mistharreg sewwa jekk hemmx lok li tinghata ritrattazzjoni taht din il-kawzali, ghandu jitqies li l-fatti rizultanti fis-sentenza attakkata huma tassew dawk li kienu hekk irrizultaw lil dik il-Qorti.

**Fatti**

Il-fatti rizultanti huma fil-qosor is-segwenti:- Ir-rikorrenti ritrattati marru Sqallija minn fejn xtraw ammont ta' xorb li kellhom inizzluh maghhom lura Malta u dan flimkien ma' konsenja ta' *detergents* li xtrat wahda mir-ritrattati ghan-negozju taghha.  Peress li dan ix-xorb kien ghall-uzu personali taghhom l-istess ma giex dikjarat ai fini ta' dazju u dan stante li dejjem ghamlu hekk meta nizzluh maghhom f'mawriet precedenti fi Sqallija.  Gara izda illi x-xorb mertu ta' din il-kawza  gie mibghut Malta, flimkien mal-merkanzija konsistenti f'*detergents*, permezz ta' *trailer* peress li s-servizz ta' Catamaran ma kienx qed jahdem.

[2] App. Civ. **8.11.1993** fil-kawza fl-ismijiet ***Micallef vs Pavia*** (Kollez. Vol:**LXXVII.ii.326**)

[3] Art 816 tal-Kap 12

L-ewwel Qorti u l-Qorti tal-Appell ikkonkludew li ladarba dan ix-xorb kien ghall-uzu personali u ghalhekk mhux dazjabbli, ma kien hemm l-ebda htiega li dan jigi dikjarat mad-Dwana.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

Illi skont ir-ritrattant il-Qorti applikat il-ligi l-hazina fir-rigward ta' tliet punti u cioe`:-

**1. Jekk ix-xorb mertu tal-kawza hux dazjabbli jew le**

Ir-ritrattant jissottometti li l-Qorti tal-Appell naqset li tapplika d-Direttiva 92/12 li kienet tirregola l-materja inkwistjoni fil-mument tal-importazzjoni inkwisjtoni. Illi pero` din il-Qorti, bhal ma ghamlet qabilha l-istess Qorti diversament presjeduta, mill-ewwel tissolleva l-fatt li din id-Direttiva kienet ghadha mhux inkorporata fil-ligi taghna peress illi l-istess saret parti mil-ligijiet taghna fid-9 ta' Novembru 2007 permezz ta' Avviz Legali 361 tal-2007. Dan il-fatt jirrikonoxxih anke r-ritrattant peress li jghid li jekk din il-Qorti ssib li l-istess Direttiva ma kienitx tifforma parti mill-korp legislattiv taghna allura l-Qorti tal-Appell kellha tapplika l-provvedimenti tal-Kap. 382 tal-Ligijiet ta' Malta, liema ligi mkien ma tipprovdi ghal importazzjoni ta' xorb ghal uzu personali b'ezenzjoni mid-dazju.

Illi r-ritrattant jghid li l-Qorti tal-Appell iddecidiet li x-xorb inkwistjoni ma kienx dazjabbli minghajr ma kkwotat il-ligi li fuqha bbazat id-decizjoni taghha. Illi kif tajjeb jirrilevaw ir-ritrattati l-Qorti mhix tenuta tikkwota l-artikoli tal-ligi li abbazi taghhom tkun waslet ghad-decizjoni taghha. Il-Qorti ghamlet interpretazzjoni tal-fatti li kellha quddiemha li wassluha ghall-konvinciment li x-xorb inkwistjoni kien ghall-uzu personali tar-ritrattati, kwistjoni li din il-Qorti hija prekluza milli terga' tindaga. Ghaldaqstant il-Qorti kienet korretta meta waslet ghall-konkluzjoni illi l-ebda artikolu ikkwotat fin-Nota ta' Qbid inkwistjoni ma kien japplika ghall-fatti kif rrizultawlha u ghalhekk bl-aggravju tieghu r-ritrattant qieghed biss jitlob lil din l-Onorabbli Qorti taghti

interpretazzjoni diversa ta’ dak li diga` gie interpretat, haga li din il-Qorti certament hi prekluza milli taghmel.

Jigi rilevat inoltre li mill-atti processwali jirrizulta li r-ritrattant Kontrollur tad-Dwana mkien ma kkontesta l-fatt illi r-ritrattati setghu jimpurtaw il-kwantita` ta’ xorb li dahhlu gewwa Malta ghall-uzu personali taghhom imma biss li ma kienitx akkumpanjata minnhom u accetta wkoll li huma setghu jnizzlu dak ix-xorb fil-karozza u jigu bil-Catamaran[4].

**2. Jekk hux l-oggetti dazjabbli biss ghandhom ikunu dikjarati mad-Dwana**

Illi fuq dan il-punt din il-Qorti tara kontro-sens billi fl-ahhar tliet linji ta’ dan l-aggravju r-ritrattant jghid *“B’hekk anke fuq dan il-punt, din l-Onorabbli Qorti waslet ghal konkluzjoni li hi b’mod car kontra l-ligi u m’applikatx il-ligi t-tajba.”* Ir-ritrattant ma jistax f’nifs wiehed jghid li l-konkluzjoni hi kontra l-ligi u wkoll li l-Qorti ma applikatx il-ligi t-tajba. Il-Qorti hi tal-fehma illi Artkolu 6 tal-Kap. 37 tal-Ligijiet ta’ Malta ikkwotat mir-ritrattant m’ghandu x’jaqsam xejn fil-kwistjoni[5], filwaqt li jirrizulta li l-Qorti tal-Appell biex waslet ghall-konkluzjoni taghha illi l-oggetti dazjabbli biss ghandhom jigu dikjarati mad-Dwana ibbazat l-istess konkluzjoni *ai termini* tal-Artikolu 17 li japplika ghall-kaz odjern. Hi ddecidiet li x-xorb ma kienx mohbi[6]. Dak li ghamlet il-Qorti tal-Appell kien li tat interpretazzjoni lil dan l-Artikolu ghall-fatti li kellha quddiemha. Il-Qorti ghamlet referenza shiha ghall-provvedimenti tal-Kap. 37 u sabet li dawk il-provvedimenti li gew indikati fin-Nota ta’ Qbid

[4] Ara xhieda ta’ Jerome Azzopardi a fol. 43 partikolarment fol. 46.

[5] Dan l-artikolu jimponi obbligu fuq il-kaptan ta’ vapur li jaghmel rapport dwar il-merkanzija abbord.

[6] Art. 17 Kap 37: “Jekk oggetti jew hwejjeg ohra li taghhom hija pprojbita l-importazzjoni, jew oggetti jew hwejjeg ohra suggetti ghal dazju, jinsabu, b’xi mod, mohbija, jew imdahhla f’xi koll jew pakkett biex iqarrqu l-ufficjali tad-dwana, dan il-koll jew pakkett, b’dak kollu li jkun fih, ghandu jigi kkonfiskat; u jekk oggetti jigu mehuda jew ikkunsinnati minn bastiment jew minn depozt, meta ma jkunux gew iddikjarati regolarment, huma ghandhom jigu kkonfiskat”.

mahruga mir-ritrattant ma kienux japplikaw. Din il-Qorti ghalhekk ma ssibx li tali konkluzjoni tal-Qorti tikser l-Artikolu 811 (e) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta.

**3. Jekk dikjarazzjoni hekk kif l–ufficjal ikun se jiskopri li hemm oggett mhux dikjarat, tammontax ghal dikjarazzjoni skont il-ligi.**

Dan l-aggravju huwa kjarament infondat ghax anke minn daqqa t’ghajn lejn ir-ragonament tal-Qorti tal-Appell jirrizulta car illi mhux talli l-istess Qorti ma kkunsidratx il-ligi rilevanti imma talli tat interpretazzjoni tal-istess biex waslet ghall-konkluzjoni illi l-merkanzija inkwistjoni ma tistax tigi kwalifikata bhala “mohbija” *ai termini* tal-Artikolu 17 (a) tal-Kap. 382[7]. L-Artikolu 61 A ikkwotat mill-istess ritrattant m’ghandu x’jaqsam xejn mal-fattispecie tal-kaz odjern stante li gie stabbilit li ma kien twettaq l-ebda reat u ghalhekk ma kien hemm ghalfejn ebda dikjarazzjoni. Ghalhekk hu car li l-applikazzjoni o meno tal-artikolu tal-ligi inkwistjoni kienet rizultat ta’ interpretazzjoni u analizi li ghamlet l-istess Qorti tal-ligi u tac-cirkostanzi tal-kaz, u dan mhux sindikabbli fl-istadju ta’ ritrattazzjoni.

Illi fl-ahharnett din il-Qorti tirrileva illi l-ewwel Qorti ezaminat wiehed wiehed l-artikoli ikkwotati mir-ritrattant fin-Nota ta’ Qbid mahruga mir-ritrattant u sabet li ebda wiehed minnhom ma kien japplika ghall-kaz in ezami, ragunament li l-Qorti tal-Appell qablet mieghu. Ghalhekk certament ir-ritrattant ma jistax jargumenta illi b’xi mod id-decizjoni odjerna mhix imsejsa fuq il-ligi.

**Decide**

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-kawza billi tichad it-talba tal-intimat ritrattant ghat-thassir tas-sentenza moghtija minn din il-Qorti fid-29 ta’ Jannar

---

[7] Art. 17 Kap 382 Jekk oggetti dazjabbli -(a) jigu depozitati jew jinhbew f’xi post bil-ghan li ssir frodi kontra l-Gvern ghar-rigward tad-dazju tas-sisa li ghandu jingabar bis-sahha ta’ dan l-Att.. jigi kkonfiskati.

2010 u dik tad-29 ta' Novembru 2007 tal-Onorabbli Prim'Awla.

L-ispejjez ta' dawn il-proceduri jithallsu mir-ritrattant.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------